

# Leħen iż-Żgħażagħ



**Clayton Vella**

Għall-ewwel darba ġejt mitlub nikteb artiklu f'isem is-sezzjoni żgħażagħ tal-għaqda mużikali Imperial. F'dawn il-versi li ser nikteb ser nagħtikom ħjiel tax-xogħol li s-sezzjoni żgħażagħ tagħmel ġewwa l-każin. Kburi ngħid li din is-sena s-sezzjoni żgħażagħ kibret, hekk kif kellha membri ġodda u lil dawn nilqgħuhom magħna.

Matul is-sena jkollna diversi attivitajiet li nieħdu ħsibhom aħna, bħala sezzjoni żgħażagħ, bejn dawk uffiċjali kif ukoll oħrajn. Fost dawn insibu l-ġbir tal-flus bieb bieb fi żmien ta' qabel il-festa kif ukoll it-tqassim tal-ktieb tal-festa. Bl-għajnuna tas-surmast direttur, nippreparaw il-mużika li nkunu ħa ndoqqu fid-diversi programmi li jkollna matul is-sena, kif ukoll l-arkivju tal-mużika fejn, darba fix-xahar jew wara li jkun għadda xi programm, niltaqgħu biex nerġgħu npoġġu l-mużika lura f'postha u nippreparaw il-mużika għall-programm li jkun imiss. Bħalissa għaddejjin bi proġett biex nagħmlu *data base* tal-mużika kollha li għandna ġewwa l-arkivju. F'dan il-proġett qed jgħinna wkoll il-ħabib tagħna Geoff Thomas. L-għan tagħna hu li dan il-proġett ikun komplut sal-aħħar ta' din is-sena.

Attività oħra li tiġi organizzata miż-żgħażagħ hija l-wirja. Għal din is-sena tellajna waħda ta' presepju mekkanizzat u presepji oħra bl-għajnuna ta' Edmund Camilleri u Michael Cauchi. Din il-wirja ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku. Wara l-appoġġ kbir li kellna fl-aħħar wirja, nista' ngħid li l-għan tagħna huwa li din is-sena terġa' ssir fuq skala ikbar. Tajjeb ngħid ukoll li l-wirja li nagħmlu fl-ewwel xhur tas-sena ser terġa' ssir wara li kellna waqfa ta' sena minħabba ċirkostanzi li ma kellniex kontroll fuqhom.

Il-qofol tax-xogħol li jsir mis-sezzjoni żgħażagħ huwa fi żmien il-festa fejn, apparti li jkun hemm għajnuna f'kull attività organizzata mill-kumitat ċentrali, norganizzaw ukoll attivitajiet oħra. Fost dawn insibu t-*treasure hunt* u l-*billiard tournament*. Fil-ġranet tal-festa, wara li jispiċċa l-marċ madwar it-toroq tal-Mellieħa, jiġi organizzat briju ġewwa l-każin, fejn parti kbira mill-bandisti żgħażagħ u bandisti oħra jdoqqu fit-taraġ fost il-briju li jkun hemm min-nies preżenti. Lejlet il-festa, imbagħad, nagħmlu l-famuża xibka tal-bżieżaq li tiġi miftuħa wara li jindaqq l-Innu Popolari 'Ta' l-Iljun'. Għal din is-sena ser ikollna xi sorpriżi ġodda, grazzi għal xi membri ġodda li daħlu magħna, minħabba l-abbilitajiet diversi li għandhom.

Nixtieq nagħlaq dawn il-kelmtejn billi ngħid grazzi lil sħabi kollha u nħeġġeġ lil xi wħud biex ikunu iktar preżenti għall-attivitajiet varji li jsiru, għax, iżjed ma nkunu numerużi, ix-xoghol aktar jeħfief għax jinqasam fuq iżjed nies.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha. Viva Maria Bambina u Viva tal-Iljun!

*Żuru l-'website' tagħna*

**www.imperialbandclub.com**

**Ikkuntattjana fuq *e-mail*:**

**info@imperialbandclub.com**